MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Numru 586/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**KONTRA**

**NOEL FARRUGIA ta' 29 senba, iben Carmel u Josephine nee' Mifsud, imwieled San Giljan nhar is-26 ta' Jannar, 1979, residenti fil-fond imsejjah 'Maria Dolores' no 6, Triq il-Qawsalla, Imsida, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 205180M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi Noel Farrugia, li gie akkuzat talli:

a. Nhar it-13 ta' Lulju, 2007 ghall-habta ta' xi 16:45hrs, gewwa Birkirkara, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Kevin Drew mill-Gzira f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta'

dan id-delitt billi spara tiri t'arma tan-nar ta' ghamla u registrazzjoni mhux maghrufa, fid-direzzjoni tal-imsemmija persuna, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

b. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, li huwa kien qieghed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu arma regolari;

c. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu u garr arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

d. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu u garr arma tan-nar u munizzjon, minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

e. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, waqt li gie fil-pussess tal-imsemmija arma tan-nar u munizzjon, ma tax avviz immedjat lill-Kummissarju tal-Pulizija;

f. U aktar talli fil-gurnata tat-13 ta' Lulju, 2007, u f'dawn l-ahhar xhur qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer hedded lil Kevin Drew;

g. U kif ukoll talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat li l-Avukat Generali baghat l-Artikoli biex din il-kawza tigi deciza minn proceduri sommarji, liema Artikoli jaqraw:

- L-Artikoli 41(1)(b), 214, 216(1)(a), u 217 tal-Kapitolu 9;
- L-Artikoli 214 u 221(1)(3) tal-Kapitolu 9;
- L-Artikoli 3(a), 4, u 51 tal-Kapitolu 480:
- L-Artikoli 5(1) u 51 tal-Kapitolu 480;
- L-Artikoli 41 u 51(8) tal-Kapitolu 480;

- L-Artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9;
- L-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9.

Rat li Noel Farrugia moqrija l-imsemmija Artikoli ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza ticcentra dwar sparatura li allegatament Noel Farrugia spara lejn saqajn Andrew Drew meta ltaqghu hdejn l-iskola primarja ta' Birkirkara. Ghandu jinghad f'dan ir-rigward li fl-istqarrija tieghu Noel Farrugia qal illi verament waqaf ikellem lil Kevin Drew hdejn l-iskola ta' Birkirkara, u dan ghaliex dan Kevin Drew ghandu jaghtih xi flus, u cioe' Lm350.00 ta' mobile. Ammetta li f'dan l-incident ta' hdejn l-iskola tah daqqa go wiccu. Skond Farrugia f'dan l-incident kien prezenti anke Clifford Bonnici.

Innega bis-sahha li hu kien spara lejn Drew billi argumenta li kieku spara daqs kemm kellu veru kien joqtlu, anzi – kwazi nnegga l-ezistenza ta' arma tan-nar fil-pusess tieghu.

Minn naha tieghu Kevin Drew xehed li waqt li hu kien qieghed jitkellem ma' electrician gewwa l-wied ta' Birkirkara, fil-pront tfaccat karozza li minnha hareg Noel u bejniethom inqala' argument. Skond ix-xhud dan gara ghaliex Farrugia beda jallega li kien serqu xi flus. Ftakar l-ittri tal-vettura imsemmija, sabu ma' wiccu, jsemmi l-flus. Kien hawn li ra u sema t-tir. Jghid li l-arma kienet f'idejn Farrugia u dan spara tir lejn l-art (folio 13).

Jghid Drew li t-tir kien sparat lejn, anzi ma' genb saqajh. Illi, wara hekk Farrugia laqtu b'xi haga, tant li fil-fatt spicca bil-punti. Huwa harab minn fuq il-post ghax beza' minn Farrugia.

Iddeskriva l-arma li garr Farrugia bhala wahda sewda zghira, dan harigha minn gol-but.

Tkellem ukoll dwar il-fatt li kien jircievi messaggi ta' theddid, u gieli anke telefonati, minghand l-akkuzat, ghax gharfu. Qal ukoll illi waqt l-incident ma' Farrugia kien hemm persuna ohra prezenti – certu Clifford.

Dwar it-tir li Farrugia spara lejh qal hekk 'Qisu xi pied hekk u hassejt anke din il-bullet ma' saqajja, is-shana…..'(folio 21).

F'dan l-incident Kevin Drew sofra griehi ta' natura hafiaf (vide folio 2

Minn naha tieghu Gino Tabone, il-proprjetarju tal-garaxx, li mieghu kien mar jithaddet, Drew, xehed li hu kien ra lil Drew u ra lil Noel jirriversja gas down il-karozza, saq b'lura. Ra ukoll lil Noel jinzel minn gol-vettura tieghu, u jimbotta lil Kevin Drew. Hawn hu telaq gewwa u kompla jahdem.

Minn naha tieghu Clifford Bonnici kien aktar reticenti bhala xhud minn dak precedenti. Dan kontrarjament ghal dak li qal Farrugia fl-istqarrija u li xehed il-parte leza, a dirittura qal li ra biss lil Noel Farrugia bil-wieqfa hdejn Drew. Dan ma ra xejn. Dwar il-fatt li xi Noel Farrugia prova jahrab lill-pulizija minn fuq il-bejt tar-residenza tieghu, dan fil-presenza ta' dan ix-xhud Clifford, xehed li kienu fuq il-bejt biss bil-qieghda.

Minhabba r-reticenza tieghu tul id-deposizzjoni tieghu, Clifford Bonnici gie anke rinfaccat bl-istqarrija li kien irrilaxxa precedentement. F'dan l-istadju ammetta li ra d-demm f'wicc Drew. Ammetta li kien ghaddej mill-post ta' l-incident fuq il-Vespa tieghu, hawn jghid li ra biss lil Noel u lil Drew fil-kantuniera. Jghid ukoll li hu qatt ma sema' sparatura jew ra arma. Ikkonferma li Noel qallu li kellu xi jghid ma' Drew.

Issa kontradicenti ghal dak li xehed Clifford Bonnici u dak li stqarr Noel Farrugia fl-istqarrija tieghu, hemm ir-rizultanzi tal-gun shot residue (GSR) maghmula mill-Ispizjar Mario Mifsud DOK MM a fol 251 et sequitur. Mill-

konkluzjonijiet ta’ Mario Mifsud (a folio 260), jirrizultaw tracci ta’ GSR f’id il-leminija ta’ Farrugia, xaghar, wicc, idejn, u widna l-leminija ta’ Clifford Bonnici, f’partijiet mill-vettura Mitsubishi NNN 039, fuq il-Vespa EBC 976, fuq t-shirt u Bermuda allegatament ta’ Noel Farrugia u fuq t-shirt u short ta’ Clifford Bonnici.

Irrizulta ukoll mix-xhieda prodotta tar-rapprezentant tal-ADT li l-vettura NNN 039 hija registrata fuq Nathalie Farrugia. Din hija ta’ l-ghamla Mitsubishi Lancer ta’ kulur blue. Oltre hekk il-Vespa Piaggio EBC 976 hija registrata f’isem Anne Bonnici. Per parentesi dawn iz-zewg vetturi kienu t-tnejn li fuqhom instabu l-gun shot residues, skond ir-rizultanzi ta’ l-Ispizjar Mario Mifsud.

Fuq is-sit lok ta’ l-incident, wara r-rapport ta’ Kevin Drew, nizlu wkoll ghall-istharrig il-pulizija tad-distrett.

Ghalhekk WPC 100 Lorraine Mifsud xehdet illi wara rapport ta’ Kevin Drew rat certu SMS fuq it-telefone cellulari tieghu ta’ natura ta’ theddid, dawn gejjin minn cellulari bil-linja taljana. Jirrizulta mill-atti li Noel Farrugia kellu din il-linja estera.

Ghalhekk PS 321 Alan Lagrasta xehed illi fuq rapport ta’ sparatura mar fuq il-post ta’ l-incident, hemm bdew ifittxu ma’ l-art, hawn instabet shell casing taht karozza. Issa gia la darba allura giet konservata x-xena tar-reat, anke tramite Inkjesta Magisterjali, saru allura l-ezamijiet forensici necessarji – ghalhekk anke dawk ballistici. Ghalhekk mir-rapport tal-Brigadier Calleja irrizulta li giet sparata pistola – tal-kalibru .25 auto tat-tip semi-awtomatika (DOK MC a folio 152).

Illi xhud iehor saljenti PC 1504 Sunny Caruana li ghamel ricerki tieghu fil-konfront ta’ permessi ta’ armi, irrizulta li Noel Farrugia l-akkuzat ma kellu ebda permess f’dan ir-rigward (folio 160 DOK DC fol 162 – 163).

Ikkunsidrat:

Illi b'referenza ghall-akkuzi kif dedotti ghandu jinghad li l-Avukat Generali ma tax l-akkuzi fil-konfront ta' harba u rezistenza ta' l-arrest u tar-recidiva, dan nonostante provi mressqa f'dan ir-rigward.

Ikkunsidrat:

Illi certament irrizulta ben pruvat bl-opinjoni ta' din il-Qorti li verament Noel Farrugia spara tir fid-direzzjoni (ta' saqajn) Kevin Drew, dan barra x-xhieda ta' l-istess Drew, anke minhabba r-rizultanzi ta' GSR. Illi daqstant hija konvinta din il-Qorti illi Noel Farrugia fera lil Drew – xhieda indipendenti ta' Gino Tabone tikkonferma lil dan fil-fatt imbuttah.

Illi l-Avukat Difensur kellu ferm ragun ghall-fatt li l-Avukat Generali naqqas l-akkuza minn dik ta' attentat ta' omicidju volontarju ghal dak ta' attentat ta' ferita gravi.

Issa f'dan ir-rigward l-Avukat Difensur, allura accettando l-fatt illi Noel Farrugia spara lejn Drew mhux bil-hsieb, allura bla mens rea, li jikkaguna griehi gravi fuq il-persuna ta' Kevin Drew, imma biss biex ibezza' lill-istess Drew. Tant argumenta l-Avukat Difensur li kieku Noel Farrugia kellu tali hsieb ta' ferita gravi, tant kienu vicin meta spara Farrugia li zgur li kien jolqot lil Drew, mhux kif ghamel spara lejn l-art. Ma dan il-Qorti ma taqbilx u ghar-raguni li forsi d-Difiza qieghda tinsa li Noel Farrugia gia kien baghat forma ta' theddid lil Drew permezz tac-cellulari. Issa li ltaqa' mieghu mhux xejjirlu biss l-arma f'wiccu, pero ghazel li jispara tir, tah daqqa go wiccu, u kien Drew li harab minn Farrugia, ghalkemm l-Avukat Generali ghazel li jaddebitah bir-reat taht l-Artikolu 41(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' dan il-Qorti biss se tiehu konjizzjoni.

Il-Qorti ghalhekk tenut dak kellu esport, qieghda ssib htija fuq l-akkuzi kollha kif dedotti kontra  tieghu u dan wara li rat l-Artikoli 41, 214, 216, 217, u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 3, 4, 5, 51 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

U l-Artikoli 339, 17, 23, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni dak kollu li xehed Dr Joseph Spiteri fil-kors ta' din il-kawza, b'mod partikolari l-problemi li jaffliggu lil Noel Farrugia, kif ukoll il-progress li jidher li ghamel illum. Hadet ukoll in konsiderazzjoni tal-fedina penali tieghu, qieset il-gravita' tar-reat minnu maghmul, specjalment l-uzu ta' l-armi 'arma regolari', tqies li ghandu jbaghti piena karcerarja u tikkundannah ghaldaqstant ghal piena karcerarja effettiva ta' tminn(8) xhur.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkundannah li jhallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €1,312(elf tliet mija u tnax-il Ewro).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------